# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 19 ta' Novembru, 2001**

**Numru 17**

**Cit. Nru. 247/95 FGC**

**Francis Xavier Aquilina**

**vs**

**Andrew Mamo ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Galdes & Mamo Ltd. u din in rapprezentanza ta' Royal International Insurance Holdings Limited**

**<u>L-Att tac-Citazzjoni</u>**

L-attur ipproceda kontra s-socjeta' assiguratrici attrici b'dan l-att tac-citazzjoni:-

"Li fit-13 ta' Lulju 1988, persuna jew persuni mhux maghrufa sgassaw il-fond 46, St Philip Street, Senglea, mikri lilu, u serqu minnu diversi oggetti proprjeta' tieghu u ghamlu ukoll hsarat fl-istess fond;

Li huwa ghamel 'claim' mas-socjeta' konvenuta dwar l-akkadut a tenur tal-polza ta' assikurazzjoni numru 8340229001 dwar 'Household Insurance Policy';

Li, ghalkemm il-'claim' bdiet tigi attivament investigata u s-socjeta' konvenuta, permezz ta' l-'adjuster' taghha, weghdet illi kien se jsir hlas, is-socjeta' konvenuta qatt ma waslet biex tiffinalizza l-'claim' biex huwa kellu jirrikorri ghand din il-Qorti permezz ta' citazzjoni 1599/92(JF) sabiex jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu kumpens a tenur tal-polza ta' l-assikurazzjoni msemmija;

Li, matul din il-kawza, l-konvenut qatt ma ressaq provi minkejja li ssolleva l-eccezzjonijiet tieghu ghat-talbiet attrici;

Li. permezz tas-sentenza taghha tas-16 ta' Settembru 1993, din il-Qorti kkundannat lill-konvenut nomine sabiex ihallsu s-somma ta' Lm4,573 (erbat elef hames mija u tlieta u sebghin lira Maltin) rapprezentanti l-valur tal-'claim' tieghu;

Li l-inadempjenza tal-konvenut ssarrfet semplicement billi z-zmien tal-pagament effettiv ta' dak dovut lilu gie mtawwal inutilment mid-data ta' l-akkadut sad-data tal-hlas effettiv li sar fuq kundanna tas-sentenza msemmija, u dan a spejjez tieghu;

Li, minhabba l-inadempjenza tal-konvenut nomine, huwa sofra telf ta' l-interessi fuq il-flus dovuti lilu sa minn Awissu 1988 meta l-'adjuster' tal-konvenut nomine wieghdu li kien sejjer jissettilja l-'claim' u li gie mcahhad inutilment minnhom mill-konvenut nomine li min-naha tieghu arrikixxa ruhu fl-istess ammont a spejjez tieghu;

Li huwa jikkontendi li hawn jissusistu l-elementi ta' l-azzjoni generali actio de in rem verso in kwantu l-konvenut nomine ha vantagg minghajr kawza gusta minn fuq id-danni sofferti minnu (nemo locupletari potest cum aliena iactura);

Li l-ammont li bih gie arrikkit il-konvenut nomine a spejjez tieghu jammonta ghal Lm1,844.44 (elf tmien mija u erbgha u erbghin

lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu), rapprezentanti interessi legali li jiddekorru mill-1 ta' Settembru, 1988 sas-16 ta' Settembru 1993;

TALAB li l-konvenut ighid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi jissussistu l-elementi ta' l-actio de in rem verso billi avvera ruhu arrikkiment ingust u impoverament konsegwenzjali soffert minnu;

2. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-konvenut nomine arrikixxa ruhu fl-ammont ta' Lm1,844.44 (elf tmien mija u erbgha u erbghin lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu), jew somma verjuri kif tistabbilixxi din il-Qorti, a spejjez tieghu;

3. Tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex ihallsu s-somma ta' Lm1,844.44 (elf tmien mija u erbgha u erbghin lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu) jew somma ohra verjuri hekk kif tistabilixxi din il-Qorti;

4. Tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex ihallas is-somma hekk stabbilita flimkien ma l-interessi komposti fuq l-istess somma sa mid-data tas-16 ta' Settembru 1993;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut".

## Eccezzjonijiet

Il-konvenut nomine hekk eccepixxa ghat-talbiet attrici:-

"Preliminarjament, in-nullita' tac-citazzjoni stante illi l-attur gja jinsab mhallas skond is-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tas-16 ta' Settembru 1993, u dana "in full and final settlement of sorte, interest and judicial costs" kif jidher mid-dokument A u ghalhekk ma jistax jipproponi din il-kawza;

Preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, n-nullita' tac-citazzjoni billi l-attur gja ddikjara illi m'ghandu ebda pendenza kontra l-konvenut nomine fuq l-istess

meritu ta' din il-kawza, u dana wkoll skond id-dokument A billi l-attur accetta l-pagament lilu maghmul billi sarraf ic-cheque lilu moghti u b'hekk ta' "discharge receipt";

Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjonijiet, in-nullita' tac-citazzjoni stante illi l-kawza bin-numru 1599/92JF li giet deciza fis-16 ta' Settembru 1993, hija res judicata u din il-kawza qeghda terga' tipprova tiftah il-meritu ta' kawza gja deciza; l-attur kellu kull opportunita jipprezenta appell izda m'ghamlux u, ghalhekk, issa ma jistax jipproponi din il-kawza that sembjanzi legali diversi li huma intizi biss biex jghattu l-izball tieghu;

Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjonijiet fuq imsemmija, n-nullita' tac-citazzjoni stante illi l-azzjoni dwar l-arrikiment ingust hija wahda ta' natura sussidjarja u l-attur gja ipprevalixxa ruhu mill-azzjoni primarja li gja tinsab deciza u, ghalhekk, issa ma jistax jipprevalixxi ruhu minn din l-azzjoni generika;

Illi, minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjonijiet, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi huma nfondati kemm fil-fatt u fid-dritt billi l-kawza proposta mill-attur fuq imsemmija u li llum tinsab res judicata, kienet wahda da liquidarsi u ghalhekk l-imghaxijiet dovuta jibdew joperaw biss mid-data minn meta d-danni jigu likwidati u cioe' mid-data tas-sentenza".

**Decide**

B'sentenza tas-17 ta' Jannar, 1997, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut nomine u b'hekk cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-attur.

**Motivazzjoni tas-sentenza appellata**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

"Li l-attur kien ghamel 'claim' kontra s-socjeta' assiguratrici rapprezentata mill-konvenut nomine ghas-somma ta' Lm4,573.00 u kien kostrett li jipprocedi kontra taghha b'kawza.

Din il-kawza kienet giet deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fis-16 ta' Settembru, 1993. Billi s-somma mitluba fic-citazzjoni kienet wahda 'da liquidarsi', l-Qorti ghaddiet biex tillikwida din il-'claim' fis-somma ta' Lm4,573.00 u kkundannat lis-socjeta' assiguratrici biex thallas dan l-ammont lill-attur flimkien mal-imghax legali kif mitluba;

Issa, bil-kawza odjerna, l-attur qieghed jippretendi li s-socjeta' assiguratrici kien messha hallsitu l-'claim' tieghu wara li din kienet giet investigata u rrizulta li kienet fondata u li, minhabba din l-inadempjenza, huwa sofra telf ta' interessi fuq l-ammont dovut minn Awissu, 1988, meta cioe' l-'adjuster' tal-kumpannija kien wieghed li kien sejjer jissettilja din il-'claim'; liema telf mill-1 ta' Settembru, 1988 sas-16 ta' Settembru, 1993 kien jammonta ghas-somma ta' elf tmien mija u erbgha u erbghin lira u erbgha u erbghin centezimu (Lm1844.44). Billi dan it-telf tieghu ifisser li s-socjeta' konvenuta giet li arrikkiet ruhha ngustament bl-istess ammont, l-attur jikkontendi li ghandu dritt jagixxi bl-actio de in rem verso stante l-massima legali li tghid 'nemo locupletari potest cum aliena iactura'.

Il-konvenut nomine, eccepixxa, fost eccezzjonijiet ohra, li l-attur m'ghandux azzjoni kontra tieghu billi huwa hallas s-somma ta' Lm5349.85 "in full and final settlement of sorte, interest and judicial costs" in segwitu ghas-sentenza tas-16 ta' Settembru, 1993.

Ikkunsidrat:

Jinsab assodat li s-socjeta' konvenuta hallset lill-attur is-somma ta' Lm5349.85,0 permezz ta' cheque mahrug fid-9 ta' Novembru 1994. Jirrizulta ukoll li dan ic-cheque s-socjeta' assiguratrici konvenuta kienet baghtitu mehmuz ma' ittra, datata wkoll 9 ta' Novembru 1994, li kienet tghid dan: "we refer to your letter of 25 July 1994. Please hereby find enclosed cheque number 001565 for the amount of Lm5349.85 in full and final settlement of sorte, interest and judicial costs in the case of Francis X Aquilina versus Andrew Mamo noe decided on the 16th September 1993. It is hereby deemed and understood that encashment of this cheque constitutes a discharge receipt and that no further claims remain pending between the parties to the lawsuit".

Din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li gie deciz mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha "William Apap vs Joseph Gasan et noe" deciza fis-26 ta' Novembru 1986.

F'dan l-appell, l-aggravju tal-appellant kien li l-fatt li wiehed jibghat ittra lill-kreditur tieghu u maghha jannetti cheque u fl-ittra jghid li c-cheque huwa "in full and final settlement", ma jfissirx li jekk il-kreditur isarraf dak ic-cheque ikun qieghed jirrinunzja ghal bilanc minnu pretiz. Skond l-appellant dak li kien importanti hija l-intenzjoni tal-partijiet u b'mod specjali dik tal-kreditur u l-appellat ma ppruvax li hu (l-appellant) kellu l-intenzjoni li jaccetta c-cheque de quo "in full and final settlement"; anzi jirrizulta l-oppost.

L-Onorabbli Qorti tal-Appell qalet hekk:-

"Illi kemm f'dik li hi ligi kif ukoll f'dawk li huma fatti pero' l-appell tal-attur jirrizulta nfondat ghall-ahhar."

Infatti jekk id-debitur offerent jiddikjara b'mod univoku u indubitabbli li qed joffri pagament ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-kreditur, m'ghandux dritt il-kreditur unilateralment jinjora l-mod kif offert il-pagament u jaccettah b'kundizzjonijiet u rizervi li necessarjament huma nkonsistenti ma offerta ta' pagament a saldu.

Fil-kaz ta' dizamina, l-konvenut nomine akkompanja c-cheque b'ittra li ma thallix dubbju dwar x'mod ta' pagament kien qed jigi offert. Infatti fl-ewwel paragrafu hemm il-kliem "Attached pleased find our cheque for Lm150 in settlement of the Vintage Car Exhibition which you arranged for our Ford Showroom in Pieta', inclusive of all other charges"; u fl-ahhar paragrafu l-mittent informa lill-attur li "The attached cheque for Lm150 is in full and final settlement of all monies due to you from us";

L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell kompliet hekk:

"Il-pagament ma giex offert b'xi rizerva favur l-appellant li ghalhekk, jekk kellu pretensjonijiet ohra oltre dak li kien qed jigi offert lilu, ma kellux isarraf ic-cheque li baghatlu l-konvenut nomine. In fondo, hawn qeghdin fl-aktar oggetti elementari in materja ta pagament u offerti ta' pagament u din il-Qorti ma jidhirlhiex li ghandha ghalfejn tespandi aktar".

Fil-fehma ta' dil-Qorti, din is-sentenza tittalja perfettament ghal kaz odjern u, ghalhekk, fuq l-iskorta tal-insenjamenti taghha

tikkonkludi li l-attur m'ghandux azzjoni kontra l-konvenut nomine ghaliex meta huwa sarraf ic-cheque fl-ammont ta' Lm5349.85 huwa kien qieghed jaccettah "in full and final settlement of sorte, interest and judicial costs".

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

L-aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti bil-konsegwenza li naqset milli taghti konsiderazzjoni ghall-punt legali sollevat minnu dwar l-azzjoni "actio de in rem verso". Hu jsostni li f'din il-kawza hu ma kienx qieghed jippretendi hlas ta' pendenzi li jirrizultaw mill-kawza deciza f'Settembru, 1993, izda minn danni ulterjuri sofferti, apparti dawk kontemplati f'dik il-kawza. Danni konsistenti f'interessi mitlufa li jirrisalu ghal qabel l-imsemmija kawza. Kien propju ghalhekk li hu kien qed jipproponi din l-azzjoni billi kienet l-unika triq li kien fadallu sabiex jithallas tal-flus li l-konvenut appellat ingustament arrikkixxa ruhu minnhom fil-konfront tieghu. Dana billi baqa' jzomm f'idejh kapital li bis-sentenza ta' Settembru, 1993, irrizulta li kien lilu dovut, u dan ghal diversi snin.

Fir-rikors ta' l-appell tieghu l-appellant jaghmel rakkont minuzzjuz tac-cirkostanzi kollha li inevitabilment wassluh biex jipprocedi kontra s-socjeta' assikuratrici attrici fl-ewwel lok bil-kawza Cit. Nru. 1599/92 JF li giet finalment deciza fis-16 ta' Settembru, 1993. Hu jsostni li s-socjeta' appellata fl-ebda hin ma kkontestat li kienet debitrici fir-rigward tieghu

bhala persuna assikurata maghha biex taghmel tajjeb ghal danni minnu sofferti li kienu koperti b'polza ta' assikurazzjoni valida. Kienet minn dejjem preparata li taghmel tajjeb ghal dawn id-danni, pero' illuzingatu, sena wara l-ohra, u baqghet ittawwal u ma thallasx bl-iskuza li l-*adjusters* kienu baqghu ma ffinalizzawx il-*claim.* Kien allura sorpriz meta fetah il-kawza biex jitlob il-likwidazzjoni ta' l-ammont lilu dovut bl-eccezzjonijiet li tat is-socjeta' assikuratrici attrici li hi ma kienetx responsabbli ghall-hlas tad-danni peress li ma kienx minnu li d-danni reklamati kienu koperti bil-polza. Minhabba din l-eccezzjoni, u minhabba d-dewmien f'dik l-ewwel kawza li fiha s-socjeta' assikuratrici lanqas biss ipproduciet provi, l-ammont illikwidat u mhallas snin wara ma kienx effettivament dovut.

L-appellant qed isostni allura illi "is-socjeta' appellata uzat opportunament *"delaying tactics* ghaliex kienet taf li b'dan il-mod kienet sejra tippostponi l-jum li fih kellha thallas il-*claim* u tirbah l-interessi ghal dan iz-zmien kollu hekk ingustament imtawwal". B'hekk hu spicca, permezz tal-kawza deciza f'Settembru, 1993 li ha dak li kien talab, jigifieri <u>s-sorte, l-ispejjez u l-interessi mid-data tas-sentenza</u> izda ma hax dak li ma kienx talab u cioe' l-interessi mid-data ta' l-akkadut jew se mai, mid-data ta' meta l-appellant inghata x'jifhem li kien ser jithallas tal-*claim* li ghamel. Isostni inoltre li hu ma setghax jaghmel it-talba ghall-interessi antecedenti ghall-prezentata tac-citazzjoni, ghaliex hu ma

setghax jimmagina li s-socjeta' appellata kienet ser tohrog b'eccezzjonijiet fl-ewwel kawza li s-sorte f'danni bl-ebda mod ma kien minnha dovut meta dan hi fil-fatt qatt ma kienet qabel ikkontestatu.

Din il-Qorti tqis li minn hawn diga' l-azzjoni kif proposta ma tistax tigi sostnuta. Infatti mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "Francis X. Aquilina vs. Andrew Mamo noe" (Cit. Nru. 1599/92), moghtija fis-16 ta' Settembru, 1993, jirrizulta li l-attur fl-att tac-citazzjoni promotur ta' dik l-istanza talab il-kundanna tas-socjeta' attrici f'ammont da liquidarsi "bl-imghax legali", minghajr ebda riferenza ghaz-zmien minn meta tali imghax kellhom jibdew jiddekorru. Dan ifisser:

a) li l-ewwel Qorti f'dik il-kawza li ma gietx appellata ma kellhiex limitazzjoni fit-talba dwar minn meta kellhom jiddekorru l-imghax. Kien ghalhekk miftuh ghall-attur f'dik il-kawza li jaghmel kull sottomissjoni li xtaq jaghmel fir-rigward. Ma kien hemm xejn x'jimpedixxi lil din il-Qorti li tikkonsidra l-mertu bhal dak avanzat f'din il-kawza u tiddetermina l-hlas ta' l-imghax f'data antecedeti ghal dik minnha stabblita fl-istess sentenza, li kieku dan il-mertu kien gie quddiemha sollevat bl-istess mod kif gie sollevat f'din il-kawza;

b) il-fatt li l-attur f'dik il-kawza ma nsistiex fuq dan l-aspett quddiem l-ewwel Qorti wassal lil dik il-Qorti biex tiddekreta li l-imghaxijiet fuq l-

ammont likwidat kellhom jiddekorru mid-data tal-likwidazzjoni, kif effettivament mitlub bla rizerva fl-att tac-citazzjoni, u dana sa' l-effettiv pagament. Hlas li effettivament sar. Lanqas ma jidher allura li l-appellant f'dik il-kawza insista li almenu l-hlas ta' l-imghax kellhom jiddekorru mid-data ta' l-interpellazzjoni ufficjali minnu maghmula mis-socjeta' assikuratrici biex thallas id-danni u cioe' mill-ittra ufficjali ta' l-20 ta' Ottubru, 1992;

c) Zgur allura li l-attur fil-kawza l-ohra ma setghax jghid li ma kienx jaf li almenu minn dik id-data ta' l-20 ta' Ottubru, 1992, is-socjeta' assikuratrici kienet qeghda tirrezisti t-talba ghall-pagament, kienet x'kienet ir-raguni u konsegwentement ma setghax jghid li minn dakinhar sad-data tas-sentenza atl-15 ta' Settembru, 1993, din kienet illuzingatu u li allura ma setghax jinsisti ghall-hlas ta' l-imghax almenu sa minn dakinhar.

Dan iwassal lill-Qorti ghall-konkluzzjoni inevitabbli li filwaqt illi akkademikament l-azzjoni kif proposta tista' tkun ta' certu interess, fattwalment u legalment ma kienx mertu li kellu jinteressa azzjoni separata minn dik illi biha l-attur ipproceda ghal-likwidazzjoni u hlas <u>tad-danni kollha</u> minnu sofferti bhal konsegwenza ta' l-incident illi kkawza d-danni koperti bil-polza ta' l-assikurazzjoni mas-socjeta' appellata. Infatti, wara s-sentenza tal-15 ta' Settembru, 1993, l-attur kien ben

konsapevoli li l-ewwel Qorti ma kienetx illikwidatlu l-imghax mid-data li hu kien jippretendi li kien lilu dovut. Kien allura jispetta lilu li jappella minn dik is-sentenza biex din il-pretensjoni, gia allura kristallizzata, tigi epurata u deciza mill-Qorti ta' revizjoni li l-funzjoni taghha kien propju li tezamina l-aspetti kollha tal-mertu biex taghti decizjoni li tkun torbot finalment il-kontendenti. Hu principju bazilari li una volta l-mertu ikun gie deciz mill-Qorti – u indubbjament l-imghax dovut fuq kapital hu involut f'dak il-mertu – jghaddi in gudikat bl-ebda xorta ta' kontestazzjoni ma kienet permessa hlief dik straordinarja ta' ritrattazzjoni, u dana taht id-dritt ordinarju. L-azzjoni kif proposta ma hi xejn ghajr tentativ da parti ta' l-attur appellant illi jakkwista smiegh mill-gdid ta' mertu gia effettivament u defintitivament deciz. Process dan antiguridiku u mhux permess mil-ligi.

Il-mertu mbaghad tal-prezenti istanza gie irrevokabilment u irrimedjabilment pregudikat bil-fatt ta' l-accettazzjoni da parti ta' l-attur tal-pagament lilu dovut skond is-sentenza tal-15 ta' Settembru, 1993, u <u>dan ghas-saldu ta' kull pretensjoni ohra li seta' kellu naxxenti mill-fatti taht ezami</u>.

Din il-Qorti, nonostante l-isforzi ta' l-appellant biex jislet interpretazzjoni favorevoli mill-mod kif giet redatta l-ircevuta jew il-firma favur is-socjeta' assikuratrici meta accetta pagament "in full and final settlement of

sorte, interests and judicial costs in the case Francis X. Aquilina vs. Andrew Mamo noe" ma ssib xejn x'jissufraga s-sottomissjoni li dik l-ircevuta ma kienetx tkopri wkoll l-imghax f'din il-kawza pretiza, jew illi f'dak il-mument li jaccetta l-hlas tal-pagament l-istess attur irrizerva favur tieghu xi dritt ta' azzjoni ghal xi imghax mhux kopert f'dik l-ircevuta.

Din il-Qorti allura mhix qeghda b'mod kategoriku tghid illi ma jistghux jezistu cirkostanzi fejn l-imghax ikunu wkoll dovuti fuq ammont li ma jkunx ghadu materjalment gie likwidat bl-applikazzjoni tal-principju *in illiquidis not fit mora*, specjalment fejn ir-responsabilita' ghad-danni tkun giet ammessa. Il-gurisprudenza illi l-attur "ma setghax jitlob interessi anterjuri ghall-prezentata tac-citazzjoni ghaliex hu ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrali li f'kawza ta' likwidazzjoni jinghataw biss interessi mid-data tas-sentenza..........." hi s-suggett ta' zvilupp gurisprudenzjali li ghad irid jigi verifikat. Dan anke jekk sal-lum is-segwenti gurisprudenza .lenkata mill-appellat nomine hi tista' tghid pacifika.

> "(1) Salvatore Camilleri noe vs. Candida Dimech ed altri (9 ta' April, 1877) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet illi:
>
> ".............il debitore di una somma non liquida non deve interessi se non dal giorno della liquidazione............."
>
> (2) Negoziante Vincenzo Strati vs Tito Boselli noe (18 ta' Ottubru, 1909) fejn il-Qorti Kummercjali rriteniet illi:
>
> "I crediti illiquidi, sebbene commerciali, non producono interessi che dal giorno della liquidazione".

(3) Filippo Farrugia Gay vs. Padre Antonio Buhagiar dei Minori Conventuali noe (12 ta' Mejju, 1916) fejn il-Qorti ta' l-Appell qatghet illi:

"Ma non essensdo chiesta una somma liquida, gli interessi non possono decorrere che dalla data della liquidazione, la quale nel caso sotto esame segue mediante la presenti decisione".

(4) Vincente Grech et vs. Onor. Prof. AIC John Gatt noe (24 ta' Ottubru, 1941) fejn il-Qorti ta' l-Appell ghal darb'ohra qatghet illi:

" ............meta s-somma ma tkunx likwidata l-imghax jibda jiddekorri mill-gurnata tal-likwidazzjoni".

(5) Maria Ellul Bonnici et vs. Felice Mercieca et noe (26 ta' April, 1950) fejn il-Qorti Civili Prim'Awla sahqet illi:

"L-imghaxijiet ma humiex dovuti mill-gurnata tat-talba meta d-debitu jkun incert u illikwidu, izda mill-jum tal-likwidazzjoni u ta' l-approvazzjoni taghha".

U, kif spjegat il-Qorti stess, dan il-principju huwa konsegwenza naturali tal-fatt li qabel dik il-likwidazzjoni u approvazzjoni d-debitur ma jistax jinghad li jkun kostitwit in mora.

(6) Anthony Mercieca vs in-Nobbli Salvino Testaferrata Moroni Viani et (16 ta' Dicembru, 1991) fejn il-Qorti sahqet fit-tul dwar l-espressjoni "likwidazzjoni". Il-Qorti spjegat illi:

"Ammont likwidu jew ammont illikwidu huma espressjonijiet ekwivalenti ghal ammont determinat jew ammont indeterminat u dawn huma dejjem riferibbli ghall-pretensjonijit avvanzata fit-talba ta' l-attur. Huwa l-attur li jiffissa t-termini tal-pretensjoni tieghu u huwa jaghzel jekk jitlobx ammont minnu determinat jew jitlob ammont indeterminat li ghandu jigi determinat mill-Qorti".

B'dana kollu din il-Qorti f'kawza b'mertu bhal dak taht ezami ma kellhiex tonqos li tesplora l-possibilita' li dak il-principju jkun temperat fejn tkun ovvja l-assunzjoni ta' responsabilita' ghall-hlas tad-danni u fejn allura n-nuqqas ta' likwidita' tkun tirreferi ghal ammont pretiz, u mhux ghall-

accettazzjoni tar-responsabilita' ghall-hlas tieghu. Fejn imbaghad l-ammont effettivament likwidat ikun jirrizulta li hu sostanzjalment l-istess bhal dak pretiz mill-kreditur, il-Qorti setghet tqis li kienu jokkorru cirkostanzi fejn kellha tassigura li d-debitur ma jigix avvantaggjat semplicement mir-riluttanza tieghu li jhallas bl-iskuza li l-ammont ma kienx determinat gudizzjarjament, billi jiffranka l-hlas ta' l-imghax sakemm l-ammont jigi definittivament likwidat. Ezercizzju ta' din ix-xorta li l-ezitu tieghu jibqa' mhux precizat f'din l-istanza, seta' biss pero' jifforma parti mill-azzjoni principali li biha l-Qorti tkun giet mitluba tiddetermina r-repsonsabilita', tillikwida l-ammont ta' danni u tordna l-pagament tieghu. Una volta dawn it-talbiet ikunu gew definittivament stabbiliti b'sentenza li ghaddiet in gudikat, ma jkunx lecitu ghall-Qorti li mill-gdid tiftah ezami ta' tali meritu biex jigi investigat aspett tal-vertenza li kien messu gie ventilat fl-azzjoni propja li ddefiniet l-estensjoni tal-htija u responsablita' tad-debitur. L-aggravju ta' l-appellant allura ma jistax jigi sostnut.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

Dep/Reg

mm